**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Mario Zaffarese**

Kump Nru: 260/2016

Illum 25 ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Mario Zaffarese, iben Carmelo u Lora nee' Savona, imwieled gewwa Stepney, fit-22 ta' Dicembru 1964, residenti, Aloe, Triq il-Kandlora, fi triq Gdida, Haz-Zebbug u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 185365(M).

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Mejju 2016 ghal-habta tad-08:45hrs gewwa Triq il-Kandlora Haz-Zebbug, u f'dawn il-Gzejjer, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' John Tanti f'periklu car ikkaguna diversi offizi fuq il-persuna ta' John Tanti persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena u/jew persuni ohra, liema offizi jitqiesu li huma gravi (art 218, art 222A(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil John Tanti u/jew persuni ohra, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kont provokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni (art 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ksirt il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi zammejt f'xi fond jew kellek fil-pussess tieghek, taht il-kontroll tieghek, jew garrejt barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghek arma tan-nar u/jew munizzjoni minghajr licenzja taht l-Att dwar l-Armi (art 5(1) kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi nqast milli tavza minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-akkwist jew malli giet f'idejk arma tan-nar (art 5(3)(b) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

U talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi fil-jiem u x-xhur ta' qabel bl-imgieba tieghek ikkagunajt lil John Tanti u/jew persuna ohra, biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha meta kont taf jew messek kont taf li l-imgieba tieghek se tikkaguna lil John Tanti u/jew persuna ohra biza' li se tintuza' vjolenza kontriha f'xi okkazjoni (art 251B(1)(2) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi u fil-jiem u x-xhur ta' qabel gibt ruhek b'mod li tajt fastidju lil John Tanti u/jew b'mod li kont taf jew messek kont taf li dan kien ta' fastidju ghal John Tanti (Art 251A(1)(a)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kif ukoll talli sirt recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 214, 215, 217, 218 u 222A(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 5(3)(b) u 51(9) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 251B u 251H tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251A u 251H tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni. L-imputat permezz tad-difensur tieghu talab zmien biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema talba intlaqghet izda ebda nota ta' sottomissjonijiet ma giet prezentata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza titratta dwar incident li sehh fl-14 ta' Mejju 2016 ghall-habta tat-8.45a.m f'Haz-Zebbug.

Mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:

- John Tanti u l-imputat flimkien mal-familji rispettivi taghhom huma girien.
- John Tanti sab lil bint l-imputat, Mandy Zaffarese, billi kienet ipparkjat il-karozza quddiemu (izda mhux quddiem il-bieb tad-dar izda faccata trid taqsam it-triq) billi mar fuqha u qalilha li jekk se tibqa' tipparkja hemm kien se jcartilha t-tyres. John Tanti jsostni li l-kliem wzat minnu kien li jaghmlilha *puncture*. Fi kwalunkwe kaz il-hsieb kien li jaghmlilha l-hsara fit-tyres[1]. Dan l-episodju sehh fit-13 ta' Mejju 2016.

[1] Vide xhieda tat-8 ta' Gunju 2016

- Fil-lok fejn ipparkjat Mandy Zaffarese mhux post rizervat sabiex jipparkja kienu jipparkjaw faccata tieghu u huwa kien jurta ruhu ghaliex meta jirritornaw uliedu mix-xoghol ma kienux isibu parkegg.
- Dakinhar tat-13 ta' Mejju 2016 Mandy Zaffarese m'ghamlet ebda rapport dwar dan l-akkadut. Ir-rapport ghamlitu sussegwentement ossia gimgha wara.
- L-imputat gie infurmat b'dak li kien gara l-ghada filghodu kmieni hekk kif irritorna d-dar wara x-xoghol.
- L-imputat iddecieda li jmur jaffronta lil John Tanti b'dak li kien gara.
- Mhux kontestat li insegwitu ghal dan l-argument, John Tanti gie rikoverat l-isptar u kellu jigi anki operat kif jixhdu c-certifikati medici. Inoltre' l-espert nominat Dr Mario Scerri kkonkluda s-segwenti:

*"2. Illi rizultat ta' dan l-allegat aggressjoni, dan kellu jiddahhal l-isptar Mater Dei fejn gie kkonfermat illi garrab frattura tad-distal radius tal-lemin. Din i-frattura hija ta' natura gravi per durata u kellu jigi operat u gie inserit wire fil-frattura;*

*3. Illi rizultat ta' din il-frattura, Tanti ghadu sallum ma jistax jaghmel flexion tal-polz komplet u jbati biex jaghmel rotation tal-polz. Dan ghadu jbati wkoll minn ugiegh kostanti u huwa possibbli illi dan huwa mankament permanenti rizultat ta' din il-frattura subita illi huwa garrab;*

*4. Illi l-fratturi tal-kustilji assocjati ma' bilateral lung contusions kienu rizultat ta' blunt trauma diretta fuq is-sider. Dawn il-lezjonijiet huma ta' natura gravi per durata".*

Sabiex il-Qorti tasal ghad-dinamika tal-incident trid taghmel referenza ghar-rizultanzi:

**John Tanti** fix-xhieda tieghu[2] jispjega li kien qieghed jitkellem ma' persuna hdejn id-dar tieghu u *"jigi dan il-bniedem minn wara tani daqqa tal-karate, sabbatni mal-art wicci 'l isfel".* Ikompli aktar 'il quddiem *"Apparti minn hekk x'hin kont mal-art okay beda jtini bis-safety shoes kemm jiflah fuq il-kustilji fuq ir-right u fuq il-left".* Imbaghad ipponta pistola lejh u lejn it-tifel. Ighid li meta l-imputat mar itih id-daqqa qawwija minn wara qalli biex inhallihulu lit-tifla. Dik biss semma ghax imbaghad storda. In kontro-ezami huwa kkonferma li ibnu hareg b'hadida li tintuza' bhala jack tal-karozza.

[2] Seduta tat-8 ta' Gunju 2016

**Ismael Tanti**[3] jixhed li kien gewwa, sema' l-istorbju, hareg jittawwal mill-gallarija u ra lil missieru mghawweg jaqla' daqqiet ta' sieq minghand l-imputat. L-imputat ra lix-xhud u qallu biex ma jiccaqlaqx. Ix-xhud izda nizel jigri u l-ewwel oggett li sab qabdu u hareg bih mill-garaxx. Imbaghad l-imputat qabad il-pistola u pponta lejh u qallu li kien se jisparalu u li kien se joqtolhom. L-oggett li kellu f'idejh waddbu mal-art. Il-glieda waqfet meta mar Justin u ha l-pistola lill-imputat.

Min-naha tieghu, **l-imputat** li ghazel li jixhed ighid li l-parte civile huwa bniedem li jaqla' l-inkwiet u li kien hemm xi incidenti bejniethom qabel. Ighid li hekk kif dakinhar tal-14 ta' Mejju 2016 wasal id-dar lura mix-xoghol martu u wliedu qalulu li l-gurnata ta' qabel kif bintu ipparkjat mar John Tanti fuqha u qalilha li kien se jcartilha t-tyres u beda jghajjat u jidghi u werwirha u marret tghid lil ommha. L-imputat xehed li huwa wegga' ghaliex dawk uliedu. Qal li kif kien qed jahsel il-karozza kien hemm ragel miexi ghajjatlu u x'hin l-imputat ra li John Tanti mar fuqu, John Tanti rah sejjer u mar ihebb ghall-imputat. Mar ifur ghalih, qabdu f'xulxin u gew fl-idejn. Imbaghad ighid li John Tanti inqaleb u l-imputat gie fuqu u bdew jiggieldu. L-imputat ikompli li ftit wara hareg wiehed mit-tfal tieghu b'hadida (dik li tholl ir-roti li taqla' l-boltijiet) u beda jsabbatha mal-art u jghajjat u John Tanti qabad kanna wkoll. X'hin ra hekk, l-imputat qal li kellu pistola bla bullets u mar igibha biex ibezzaghhom. In kontro-ezami ighid li qatt ma ghamel rapporti mal-pulizija fil-konfront tal-parte civile. Ighid ukoll li huwa mar biex ikellem lil Tanti izda testwalment qal *"U nerga' nirrepeti kien hemm ragel ghajjatlu beda jitkellem mieghu u* ***x'hin mort ghalih***[4] *u dan argumentajna"* Ighid li imbotta lil John Tanti minn quddiem u huwa waqa' u gie mal-art ghal wiccu. Ighid li xejjer saqajh izda ma jafx jekk laqtux.

Izda apparti dawn ix-xhieda, jehtieg li l-Qorti tirreferi ghal zewg xhieda li ghalkemm ma rawx l-incident mill-bidu sal-ahhar, ix-xhieda taghhom titfa' dawl fuq dak li gara. Irid ukoll jigi rilevat li huma xhieda totalment indipendenti mill-partijiet:

**PS 601 Justin Spiteri**[5] jixhed li fid-data inkwistjoni kien *off duty* u kien id-dar. Kien fil-kamra tas-sodda fejn ghandu gallarija. Sema' xi ghajjat u imbaghad sema' kliem 'nisparalek'. Hareg jittawwal u ra persuna jipponta pistola lejn persuna ohra li kellu jew hadida jew injama kbira f'idejh. Kif ra

[3] Seduta tat-23 ta' Mejju 2016
[4] Enfasi tal-Qorti
[5] Seduta tat-23 ta' Mejju 2016

hekk qal lil martu biex iccempel lill-pulizija, fetah il-gwardarobba, qabad il-manetti u pepper spray. Kif nizel induna li l-persuni involuti kienu girien tieghu. Mar fuq l-imputat, talbu l-pistola u tahilu mill-ewwel. Fl-istess hin kien hemm persuna anzjana li kienet imwegga' u ragel, li wara sar jaf li kien iben nis Tanti, li kienu agitati u bdew ighidu lill-imputat li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk. Il-pistola ma kellhiex munizzjon fiha. Iben John Tanti ried jigbor min-nofs tat-triq dik li tnehhi l-bolts tat-tyres izda x-xhud ma hallihx.

**Paul Buhagiar**[6] xehed li kien miexi u ghadda minn hdejn John u dan sejjahlu u bdew jitkellmu. Huwa jghid *"f'daqqa wahda nara wiehed gej mghaggel ghal fuqna"*. Kif ra hekk ix-xhud telaq. Kif mexa bicca sema' l-ghajjat. Spjega li l-individwu *"kien gej minn warajna"*. Kien gej n-naha ta' daharhom.

Abbazi ta' tali rizultanzi processwali l-Qorti tikkonkludi li l-versjoni ta' John Tanti ta' kif sehh l-incident mhux biss hija aktar kredibbli anki tenut kont tal-griehi sofferti izda wkoll ghaliex hi korroborata minn xhieda indipendenti. Huwa evidenti li l-imputat kien irrabjat fuq dak li kien sema' u mar biex jafronta lil John Tanti. Filwaqt li ma sarux rapporti fil-konfront ta' John Tanti fl-ghassa, il-Qorti temmen li kien hemm problemi bejn il-partijiet qabel l-akkadut u dan anki ghaliex l-istess John Tanti jaghti x'tifhem li ma kienx hemm relazzjoni tajba. L-imputat kien irrabjat ghal John Tanti. Ghalhekk iddecieda li jiehu l-ligi b'idejh. Mar minn wara dahar John Tanti[7] u aggredieh b'forza kbira, hekk kif jevidenzjaw il-griehi li sofra s-sur Tanti[8]. Iben il-parte civile meta ra hekk qabad hadida (u ma jirrizultax li kien hemm zewg hadidiet involuti) biex ibezza' lill-imputat halli jieqaf isawwat lil missieru. Min-naha tieghu l-imputat mar u gab pistol u ppuntaha kontra John Tanti u ibnu. Hu minnu li l-pistola kienet bla munizzjon.

Il-Qorti filwaqt li tirrileva li John Tanti m'ghandu u ma kellu l-ebda dritt imur fuq bint l-imputat u jkellimha u jheddidha sabiex ma tipparkjax il-karozza taghha faccata tieghu meta l-post mhux parkegg rizervat jew quddiem xi garaxx ghaliex it-triq hija ta' kulhadd. U kieku kien parkegg rizervat hemm l-awtoritajiet jew almenu tkellem lill-individwu b'edukazzjoni. Il-Qorti setghet anki tosserva l-agir ta' John Tanti b'mod generali fuq il-pedana tax-xhieda u setghet tosserva li inkwantu ghal din il-kwistjoni tal-parkegg ghadu ma fehemx li m'ghandu l-ebda dritt li jippretendi li hadd ma jipparkja faccata

[6] Seduta tat-8 ta' Gunju 2016
[7] Hekk kif ikkonfermat minn Paul Buhagiar
[8] Vide xhieda Dr Mario Scerri

tieghu. L-imputat bhala missier naturalment dejqu u wegga' b'dan l-agir, biss pero' b'daqshekk mhux skuzat li juza' l-vjolenza kif ghamel. Dan mhux mod civili biex jigu rizolti l-problemi bejn il-girien u bejn in-nies in generali. Il-vjolenza qatt ma hi soluzzjoni u aktar minn hekk lanqas ma hi accettabbli fis-socjeta' taghna.

Gie ppruvat ukoll li John Tanti huwa persuna li ghalaq l-eta' ta' 60 sena.

Hekk kif konkluz minn Dr Mario Scerri l-offizi mgarrba minn John Tanti jaqghu fil-parametri tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali indika l-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali. L-imputat ma jistax jinstab hati taht dan l-artikolu billi l-offizi gravi ma sarux b'arma regolari jew inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, jew b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ.

It-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata billi mill-provi ma rrizultax li l-imputat b'xi mod ingurja lil John Tanti.

It-tielet imputazzjoni wkoll hija ppruvata u dan tenut kont tax-xhieda ta' Ishmael Tanti kif ukoll ta' Paul Buhagiar li hass il-htiega li jitlaq minn fuq il-post minhabba l-agir tal-imputat ghax beza'.

Ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet ukoll gew ippruvati. Fl-ewwel lok l-imputat *ex admissis* jixhed li ghamel uzu minn pistola u li kienet fil-pussess tieghu. John Tanti, Ismael Tanti u PS601 kollha xehdu dwar il-pistola. Inoltre' mix-xhieda ta' PS 772 Dennis Agius[9] jirrizulta li l-imputat qatt ma kien registrat taht l-Arms Ordinance u qatt ma kellu armi fuq ismu.

Inkwantu ghas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, mill-provi prodotti ma tirrizultax *a course of conduct* min-naha tal-imputat. Mill-provi rrizulta li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi dan l-incident. Ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Fl-ahharnett, l-imputat jinsab addebitat bir-recediva a tenur tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. L-ufficjal prosekutur ipprezenta tlett veri kopji fotostatici ta' sentenzi li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. L-ewwel sentenza[10] li giet prezentata inghatat

[9] Dok DA a fol 94 tal-process
[10] Dok RA 5

fit-8 ta' Gunju 2006. Il-konnotati jaqblu ma' dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza huwa kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor. Iz-zewg sentenzi l-ohra huma datati 13 ta' Gunju 1991 u 4 ta' Settembru 1990. Biss pero' f'dawn is-sentenzi la hemm konnotati u lanqas ingabet prova tal-identita'. Billi l-liberta' kundizzjonata mhiex kundanna din ma tistax tittiehed in kunsiderazzjoni ghar-recediva.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat li turi li fil-passat l-imputat kellu l-vizzju tad-droga izda hareg minn tali vizzju u bena familja u ghandu impjieg fiss. Il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni x-xhieda tal-ufficjal tal-probation u s-social inquiry report imhejji u fl-istess hin dak li ssottometta l-ufficjal prosekutur li l-Qorti fehmet li mhux qieghed jinsisti ghal piena ta' prigunerija effettiva. Qieghed jigi wkoll rilevat li inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni l-Qorti se tapplika l-piena li kienet vigenti fid-data inkwistjoni ghaliex recentement permezz tal-Att XIII tas-sena 2018 il-piena hija fil-fatt tipprekludi lill-Qorti li tikkundanna lill-hati ghal sentenza sospiza. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija li se tigi sospiza u dan fil-massimu taghha. Inoltre' hekk kif intqal fir-rapport tal-ufficjal tal-probation l-imputat ghandu bzonn jircievi ghajnuna ghal anger management.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni, tas-sitta u s-seba' imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recediva, kif ukoll ma ssibux hati fit-termini tal-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali, wara li rat l-artikoli 214, 215, 218, 222A(1), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1), 5(3)(b), 51(2) u 51(9) ilkoll tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre' b'applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna l-hrug ta' ordni ta' supervizjoni fil-konfront tal-imputat ghal zmien tlett (3) snin millum u matul dan il-perjodu l-hati jrid isegwi *anger management programme.*

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' mitejn u tmienja u erbghin euro u ghaxar centezmi (€248.10) rapprezentanti hlas ta' espert nominat.

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' John Tanti u l-familjari tieghu ghal zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**